ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# L 231

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

8 ta' Settembru 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 893/2011 tat-22 ta' Awwissu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Bresaola della Valtellina (IĠP)]** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 894/2011 tat-22 ta' Awwissu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Coppa Piacentina (DPO)]** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 895/2011 tat-22 ta' Awwissu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pimiento Asado del Bierzo (IĠP)]** ........ 5

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 896/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........ 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 897/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........ 9

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 898/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 fir-rigward tal-livelli tal-iskattar għad-dazji addizzjonali għat-tadam** ........ 11

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 899/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2011/2012** . . . . . . . . . . 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 900/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Alpharma (Belgium) BVBA)** ([1]) . . . . . . . . . . 15

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 901/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex . . . . . . . . . . 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 902/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 19

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 903/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni applikabbli għal ċerti tipi ta' ross bla ħliefa tat-8 ta' Settembru 2011 21

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 904/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jistipula l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikabbli għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa mis-26 ta' Awwissu 2011 sat-2 ta' Settembru 2011 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 2305/2003 għax-xgħir . . . . . . . . . . 22

---

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 471/09/COL tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda, għall-erbgħa u sebgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi kapitolu ġdid għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali** . . . . . . . . . . 23



([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 893/2011

**tat-22 ta' Awwissu 2011**

**li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Bresaola della Valtellina (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja biex jiġu approvati xi emendi fl-elementi tal-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Bresaola della Valtellina", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 [2] kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1263/96 [3].

(2) Minħabba li l-emendi kkonċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [4], skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-imsemmi Regolament. Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Cecilia MALMSTRÖM
*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(2) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
(3) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.
(4) ĠU C 321, 26.11.2010, p. 23.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Il-klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immelħa, affumikati, eċċ.)**

L-ITALJA

Bresaola della Valtellina (IĠP)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 894/2011**

**tat-22 ta' Awwissu 2011**

**li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Coppa Piacentina (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-imsemmi Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja biex jiġu approvati xi emendi fl-elementi tal-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Coppa Piacentina", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1263/96 ([3]).

(2) Minħabba li l-emendi kkonċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi. Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed jiġu approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Cecilia MALMSTRÖM
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.
([4]) ĠU C 311, 16.11.2010, p. 24.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Il-klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)**

L-ITALJA

Coppa Piacentina (DPO)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 895/2011**

**tat-22 ta' Awwissu 2011**

**li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pimiento Asado del Bierzo (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba minn Spanja biex tiġi approvata emenda fl-elementi tal-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Pimiento Asado del Bierzo", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 417/2006 ([3]).

(2) Minħabba li l-emendi kkonċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-imsemmi Regolament. Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Cecilia MALMSTRÖM
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
([3]) ĠU L 72, 11.3.2006, p. 8.
([4]) ĠU C 321, 26.11.2010, p. 18.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

SPANJA

Pimiento Asado del Bierzo (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 896/2011

## tat-2 ta' Settembru 2011

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffa u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li tagħrif tariffarju li jorbot u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li hu marbut mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhix konformi ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Tejps retroriflettivi li jillaminaw maħsuba biex jiġu applikati fuq ħwejjeġ ta' sikurezza u uniformijiet permezz ta' kolla attivata bis-sħana.<br><br>Il-prodott għandu ħxuna ta' 140-155 µm (il-folja protettiva tal-karta mhijiex inkluża) u huwa magħmul minn dawn is-saffi li ġejjin:<br><br>— 60-70 µm ta' mikrosferi tal-ħġieġ b'mera metallika fuq naħa waħda, marbuta b'elastomer tal-poli(butadien-ko-akrilonitril) (il-ħxuna ta' dak l-elastomer hija 15-20 µm),<br><br>— 80-85 µm ta' kolla tal-poliester attivata bis-sħana, u<br><br>— folja protettiva tal-karta li għandha titneħħa qabel tintuża.<br><br>Il-prodott huwa ppreżentat fi strippi individwali jew f'rollijiet. | 4008 21 90 | Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Noti 1 u 9 tal-kapitolu 40 kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet NM 4008, 4008 21 u 4008 21 90.<br><br>Il-prodott hu magħmul minn saffi differenti ta' komponenti u għalhekk għandu jiġi kklassifikat skont il-materjali kostitwenti li jagħtu l-prodott il-karattru essenzjali tiegħu.<br><br>Ir-rwol tal-mikrosferi tal-ħġieġ huwa importanti fil-proċess retroriflettiv, iżda klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7018 bħala mikrosferi tal-ħġieġ hija eskluża għaliex ir-rwol tal-elastomer, li jżomm il-mikrosferi tal-ħġieġ fil-pożizzjoni, huwa predominanti.<br><br>Minkejja li s-saff tal-poliester huwa l-eħxen saff, klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3920 bħala folja ta' polimer termoplastiku hija eskluża għaliex l-elastomer, li fih huma inkorporati l-mikrosferi tal-ħġieġ, huwa l-element l-iktar essenzjali għall-koeżjoni tal-mikrosferi tal-ħġieġ u għalhekk, jagħti l-proprjetajiet retroriflettivi tiegħu lill-prodott.<br><br>Peress li l-elastomer jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu għalhekk għandu jiġi kklassifikat, f'konformità mar-Regola Ġenerali 3 (b), taħt l-intestatura 4008 bħala pjanċa, folji, strippa ta' gomma vulkanizzata għajr gomma iebsa. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 897/2011

## tat-2 ta' Settembru 2011

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni sal-iskadenza stabbilita mill-President

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deżinjazzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott mqiegħed għall-bejgħ bl-imnut fi flixkun ta' 500 ml, li jkollu (% b'piż):<br><br>— ilma 45,9<br>— fruttożju 33,3<br>— oligofruttożju 7,6<br>— meraq konċentrat tat-tuffieħ 3,6<br>— meraq konċentrat tar-ribes 2,3<br>— oljopeptid veġetali 2,3<br>— aċidu ċitriku 3,6<br>— konċentrat tal-maté 0,7<br>— ħmira tal-ikel 0,5<br>— L-karnitina 0,1<br>— potassju sorbat 0,1<br><br>Il-prodott huwa likwidu kannella li jagħti fl-aħmar, imdardar u xi ftit viskuż b'densità ta' 1,1812 g/$cm^3$ u valur Brix ta' 40<br><br>Skont l-imballaġġ il-prodott huwa bbażat fuq ilma arrikit b'nutrijenti, li huwa ddestinat li jiġi integrat fid-dieta.<br><br>Istruzzjonijiet għall-użu: 50 ml tal-prodott huwa dilwit b'100ml ilma jew meraq. | 2106 90 92 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 92.<br><br>Minħabba l-kontenut taz-zokkor u ċerti ingredjenti oħrajn bħal potassju sorbat u aċidu ċitriku, hemm bżonn li l-prodott jiġi dilwit qabel ma' jiġi kkunsmat u għaldaqstant ma jistax jitqies bħala xarba taħt l-intestatura 2202 (ara wkoll Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għall-Kapitolu 22, Ġenerali, it-tieni paragrafu).<br><br>Il-prodott għandu għaldaqstant jiġi kklassifikat bħala preparati tal-ikel mhux imsemmi jew inkluż x'imkien ieħor tal-intestatura 2106 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 2106, it-tieni paragrafu, il-punt 7). |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 898/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 fir-rigward tal-livelli tal-iskattar għad-dazji addizzjonali għat-tadam

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika]) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat ([2]) jistipula s-sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anesss XVIII tiegħu. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([3]).

(2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura ([4]) konkluż matul in-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, u abbażi tal-aħħar dejta disponibbli għall-2008, l-2009 u l-2010, jeħtieġ li jiġi aġġustat il-volum tal-iskattar għad-dazji addizzjonali għat-tadam.

(3) Huwa xieraq għalhekk li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 għandu jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 157, 15.06.2011, p. 1.

([3]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

([4]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

*ANNESS*

*"ANNESS XVIII*

DAZJI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, IL-KAPITOLU I, IT-TAQSIMA 2

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li hija indikattiva biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji addizzjonali huwa determinat abbażi tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu fid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

| Numru tas-serje | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni | Perjodu tal-applikazzjoni | Livelli tal-iskattar (f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| 78.0015 | 0702 00 00 | Tadam | Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 481 762 |
| 78.0020 | | | Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 44 251 |
| 78.0065 | 0707 00 05 | Ħjar | Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru | 31 289 |
| 78.0075 | | | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April | 26 583 |
| 78.0085 | 0709 90 80 | Qaqoċċ | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 17 258 |
| 78.0100 | 0709 90 70 | Qarabagħli żgħir | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru | 57 955 |
| 78.0110 | 0805 10 20 | Larinġ | Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | 368 535 |
| 78.0120 | 0805 20 10 | Klementini | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 175 110 |
| 78.0130 | 0805 20 30<br>0805 20 50<br>0805 20 70<br>0805 20 90 | Mandolin (inklużi l-varjetajiet *tangerines* u *satsumas*); *wilkings* u ibridi simili taċ-ċitru | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 115 625 |
| 78.0155 | 0805 50 10 | Lumi | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru | 346 366 |
| 78.0160 | | | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju | 88 090 |
| 78.0170 | 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda | Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru | 80 588 |
| 78.0175 | 0808 10 80 | Tuffieħ | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu | 700 556 |
| 78.0180 | | | Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru | 65 039 |
| 78.0220 | 0808 20 50 | Lanġas | Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 229 646 |
| 78.0235 | | | Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru | 35 541 |
| 78.0250 | 0809 10 00 | Berquq | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju | 5 794 |
| 78.0265 | 0809 20 95 | Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa | Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu | 30 783 |
| 78.0270 | 0809 30 | Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 5 613 |
| 78.0280 | 0809 40 05 | Għanbaqar | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 10 293" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 899/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2011/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Ir-Regolament dwar l-OKS unika] ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 tal-10 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 dwar l-iffissar u l-għoti ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward ta' ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż [spirti tax-xorb] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jipprovdi li l-kwantitajiet taċ-ċereali eliġibbli għar-rifużjoni għandhom ikunu l-kwantitajiet ta' ċereali kkontrollati u ddistillati, ippeżati b'koeffiċjent li jiġi ffissat kull sena għal kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. Dan il-koeffiċjent jesprimi r-relazzjoni bejn il-kwantitajiet totali esportati u l-kwantitajiet totali mqiegħda fis-suq tal-ispirtu tax-xorb ikkonċernat, abbażi tax-xejra osservata ta' dawn il-kwantitajiet matul l-għadd ta' snin li jikkorrispondi għall-perjodu medju taż-żmien tal-maturazzjoni ta' dan l-ispirtu tax-xorb.

(2) Abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Irlanda u li jirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010, dan il-perjodu medju ta' maturazzjoni fl-2010 kien ta' ħames snin għall-Irish whiskey.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ffissati l-koeffiċjenti għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012.

(4) L-Artikolu 10 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jeskludi l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn il-Liechtenstein, l-Islanda u n-Norveġja. Barra minn hekk, l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi li jabolixxu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, dan jitqies fil-kalkolu tal-koeffiċjenti għall-perjodu 2011/2012.

(5) L-effetti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1116/2010 tat-2 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2010/2011 ([3]) ġew eżawriti minħabba li dan ir-Regolament jirrigwarda l-koeffiċjenti applikabbli għas-sena 2010/2011. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu jiġi rrevokat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012, il-koeffiċjenti pprovduti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, applikabbli għaċ-ċereali użati fl-Irlanda fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33.

([3]) ĠU L 317, 3.12.2010, p. 1.

*ANNESS*

| Il-koeffiċjenti applikabbli fl-Irlanda | | |
|---|---|---|
| Perjodu ta' applikazzjoni | Koeffiċjent applikabbli | |
| | għax-xgħir użat fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, il-kategorija B (1) | għaċ-ċereali użati fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, il-kategorija A |
| Mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012 | 0,173 | 0,147 |

(1) Inkluż ix-xgħir ipproċessat f'malt.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 900/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## dwar l-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Alpharma (Belgium) BVBA)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din it-tip ta' awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju, numru CAS 25999-20-6. L-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju, numru CAS 25999-20-6, bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd, li għandu jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "koċċidijostati u istomonostati".

(4) L-użu ta' dik il-preparazzjoni ġie awtorizzat għal għaxar snin għat-tiġieġ għat-tismin u t-tiġieġ imkabbra biex ibidu sa 16-il ġimgħa permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1455/2004 ([2]), u għad-dundjani sa 16-il ġimgħa permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2010 ([3]).

(5) Tressqet dejta ġdida b'appoġġ tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-lasaloċid A sodju, numru CAS 25999-20-6, bħala addittiv tal-għalf għall-faġani, il-fargħuni, is-summien u l-perniċi għajr l-għasafar għall-bajd. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tas-16 ta' Marzu 2011 ([4]) li, skont il-kundizzjonijiet proposti ta' użu, il-lasaloċid A sodju (Numru CAS 25999-20-6) ma għandux effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li l-addittiv huwa effettiv biex jikkontrolla l-koċċidijosi fl-ispeċi mmirati. Hija tqis li hemm ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi ta' programm ta' monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq dwar ir-reżistenza batterjoloġika u r-reżistenzi tal-*Eimeria* spp.. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) L-evalwazzjoni tal-lasaloċid A sodju, numru CAS 25999-20-6, turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "koċċidijostati u istomonostati" hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 269, 17.8.2004, p. 14.
([3]) ĠU L 263, 6.10.2010, p. 1.
([4]) *The EFSA Journal* 2011; 9(4):2116.

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet ohrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni | Limiti Massimi ta' Residwi (LMRs) fl-għalf rilevanti li joriġinaw mill-annimali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | mg/kg tal-għalf komplet b'kontenut niedi ta' 12 % | | | | |
| **Kategorija ta' koċċidijostati u istomonostati** | | | | | | | | | | |
| 5 1 763 | Alpharma (Belgium) BVBA | Lasaloċid A sodju 15 g/100 g (Avatec 150 G) | *Kompożizzjoni tal-addittiv:*<br><br>Lasaloċid A sodju: 15 g/100 g<br>Sulfat tal-kalċju diidrat: 80,9 g/100 g<br>Linjosulfonat tal-kalċju: 4 g/100 g<br>Ossidu ferriku: 0,1 g/100 g<br><br>*Sustanza attiva:*<br><br>Lasaloċidu A sodju, $C_{34}H_{53}NaO_8$,<br>Numru CAS: 25999-20-6,<br>melħ tas-sodju ta' 6-[(3R, 4S, 5S, 7R)-7-[(2S, 3S, 5S)-5-etil-5-[(2R, 5R, 6S)-5-etil-5-idrossi-6-metiltetraidro-2H-piran2-il]-tetraidru-3-metil-2-furil]-4-idrossi-3,5-dimetil-6-ossononil]-2-idrossi-3-metil benzoat, prodott minn *Streptomyces lasaliensis subsp. Lasaliensis* (ATCC 31180)<br>Impuritajiet relatati:<br>Lasaloċid sodju B-E: ≤ 10 %<br><br>*Metodi analitiċi* ([1]):<br><br>Kromatografija likwida ta' prestazjoni għolja (HPLC) ta' fażi invertita b'rivelatur spettrofluworometriku (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009) ([2]) | faġani, fargħuni, summien u perniċi għajr l-għasafar fosthom għall-bajd | — | 75 | 125 | 1. użu pprojbit ta' mill-inqas ħamest (5) ijiem qabel it-tbiċċir<br>2. Fl-istruzzjonijiet tal- użu, indika:<br>"Perikoluż għall-ispeċi ekwina"<br>"Dan l-għalf fih jonoforu: użu simultanju ma' ċerti sustanzi mediċinali jista' jkun kontro-indikat".<br>3. Programm ta' monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq dwar ir-reżistenza għall-batterji u Eimeria spp għandu jiġi ppjanat u eżegwit mid-detentur tal-awtorizzazzjoni.<br>4. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf kompost fl-għamla ta' pretaħlita<br>5. Il-Lasaloċid A sodju ma għandux jitħallat ma' koċċidijostati oħra | It-28 ta' Settembru 2021 | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ([3]) |

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx
([2]) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 901/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AR | 33,3 |
| | EC | 32,6 |
| | MK | 49,0 |
| | ZZ | 38,3 |
| 0707 00 05 | AR | 24,2 |
| | TR | 123,3 |
| | ZZ | 73,8 |
| 0709 90 70 | AR | 40,2 |
| | EC | 39,5 |
| | TR | 122,6 |
| | ZZ | 67,4 |
| 0805 50 10 | AR | 70,6 |
| | CL | 76,8 |
| | MX | 39,8 |
| | PY | 33,5 |
| | TR | 66,0 |
| | UY | 37,4 |
| | ZA | 73,4 |
| | ZZ | 56,8 |
| 0806 10 10 | EG | 156,9 |
| | MA | 175,2 |
| | TR | 114,6 |
| | ZA | 59,8 |
| | ZZ | 126,6 |
| 0808 10 80 | CL | 63,1 |
| | CN | 78,7 |
| | NZ | 102,6 |
| | US | 82,4 |
| | ZA | 84,3 |
| | ZZ | 82,2 |
| 0808 20 50 | CN | 74,4 |
| | TR | 118,4 |
| | ZA | 72,6 |
| | ZZ | 88,5 |
| 0809 30 | TR | 143,9 |
| | ZZ | 143,9 |
| 0809 40 05 | BA | 41,6 |
| | KE | 58,0 |
| | ZZ | 49,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 902/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 890/2011 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 229, 6.9.2011, p. 14.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-8 ta' Settembru 2011**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 47,34 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 47,34 | 0,70 |
| 1701 12 10 (1) | 47,34 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 47,34 | 0,40 |
| 1701 91 00 (2) | 52,94 | 1,59 |
| 1701 99 10 (2) | 52,94 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 52,94 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,53 | 0,20 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 903/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni applikabbli għal ċerti tipi ta' ross bla ħliefa tat-8 ta' Settembru 2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 137 tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni jirriżultalha li l-liċenzji ta' importazzjoni għar-ross bla ħliefa tal-Kodiċi NM 1006 20, għajr il-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross Basmati, inħarġu għal kwantità ta' 438 104 tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2011. Id-dazju tal-importazzjoni tar-ross bla ħliefa kopert bil-Kodiċi NM 1006 20 għajr ir-ross Basmati għalhekk għandu jinbidel.

(2) Id-dazju applikabbli għandu jiġi ffissat fi żmien għaxart ijiem minn tmiem il-perjodu msemmi hawn fuq. Jeħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross bla ħliefa kopert bil-kodiċi NM 1006 20 huwa EUR 42,5 it-tunnellata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 904/2011

## tas-7 ta' Settembru 2011

## li jistipula l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikabbli għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa mis-26 ta' Awwissu 2011 sat-2 ta' Settembru 2011 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 2305/2003 għax-xgħir

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 2305/2003 ([3]) waqqaf kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 306 215 tunnellata ta' xgħir (numru tal-ordni 09.4126).

(2) Min-notifika skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqa bejn is-26 ta' Awwissu 2011 fis-13:00 u t-2 ta' Settembru 2011 fis-13:00, ħin ta' Brussell, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament imsemmi, jirrigwardaw kwantitajiet akbar minn dawk disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi ddeterminat sa liema limitu jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, filwaqt li jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

(3) Hemm ukoll lok li ma jinħarġux aktar liċenzji skont ir-Regolament (KE) Nru 2305/2003 għall-perjodu tal-kwoti attwali.

(4) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Kull applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni tax-xgħir fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, imressqa bejn is-26 ta' Awwissu 2011 fis-13:00, u t-2 ta' Settembru 2011 fis-13:00, ħin ta' Brussell, tagħti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba, assenjati skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni 77,115913 %.

2. Il-ħruġ taċ-ċertifikati għall-kwantitajiet mitluba mit-2 ta' Settembru 2011 fis-13:00, ħin ta' Brussell, huwa sospiż għall-perjodu tal-kwota attwali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7.

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 471/09/COL

## tal-25 ta' Novembru 2009

## li temenda, għall-erbgħa u sebgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi kapitolu ġdid għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar il-Ħolqien ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

BILLI taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

BILLI skont l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti hekk jipprovdu espressament jew jekk l-Awtorità tqis li hu meħtieġ,

FILWAQT LI TFAKKAR ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità [4],

BILLI, fil-11 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem il-Kummissjoni KE) ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġett għan-notifika individwali [5],

BILLI din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI għandha tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

BILLI, skont il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tadotta atti li jkunu jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummisssjoni Ewropea,

WARA li kkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea,

WAQT LI TFAKKAR li l-Awtorità kkonsultat mal-Istati tal-EFTA permezz ta' ittra datata t-2 ta' Ottubru 2009 dwar is-suġġett (Avveniment Nri 532318, 532294 u 532322.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom ikunu emendati bl-introduzzjoni ta' kapitolu ġdid dwar il-kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għal taħriġ soġġett għall-notifika individwali. Il-Kapitolu l-ġdid jinsab f'Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

---

(1) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

(2) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE".

(3) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".

(4) Il-linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġin mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 231 tat-3 ta' Settembru 1994 p. 1 u fis-Supplimenti taż-ŻEE Nru 32 tat-3 ta' Settembru 1994 p. 1. Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat". Il-verżjoni aġġornata tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websajt tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/

(5) Ippubblikat fil-ĠU C 188, 11.8.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2009.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA*

Per SANDERUD
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*

**KRITERJI GĦALL-ANALIŻI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAT-TAĦRIĠ SOĠĠETTA GĦAL NOTIFIKA INDIVIDWALI** (1)

## 1. Introduzzjoni

1. It-taħriġ ġeneralment għandu effetti esterni pożittivi għas-soċjetà kollha kemm billi jżid il-grupp ta' ħaddiema mħarrġa li minnhom jistgħu jieħdu l-impriżi u kemm billi jtejjeb il-kompetittività tal-ekonomija u jippromwovi soċjetà tal-għarfien li kapaċi tħaddan triq ta' żvilupp iżjed innovattiva.

2. Madankollu, l-impriżi jistgħu jipprovdu livell ta' taħriġ inqas minn dak soċjalment ottimali jekk l-impjegati jkunu liberi li jibdlu lil min iħaddimhom u impriżi oħra jkunu jistgħu jgawdu milli jirreklutaw ħaddiema mħarrġa minnhom. Dan huwa minnu b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-taħriġ immirat lejn ħiliet li jistgħu jiġu trasferiti bejn l-impriżi. L-għajnuna mill-Istat tista' tgħin sabiex toħloq inċentivi addizzjonali għal min iħaddem sabiex jipprovdi taħriġ f'livell li huwa mixtieq mis-soċjetà.

3. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi gwida dwar il-kriterji li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") ser tapplika għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna għat-taħriġ. Din il-gwida hija maħsuba biex tagħmel ir-raġunament tal-Awtorità trasparenti u biex toħloq prevedibbiltà u ċertezza legali. Skont l-Artikolu 6(1)(g) tal-Att imsemmi fil-Punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa), (2) kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-ewwel Protokoll tiegħu (3) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa"), kwalunkwe għajnuna individwali għat-taħriġ, kemm jekk tingħata ad hoc kif ukoll fuq il-bażi ta' skema, ser tkun soġġetta għal din il-gwida meta l-ekwivalenti tal-għotja tagħha taqbeż EUR 2 miljun għal kull proġett ta' taħriġ.

4. Il-kriterji stipulati f'din il-gwida mhux ser jiġu applikati b'mod mekkaniku. Il-livell tal-valutazzjoni mill-Awtorità u t-tip ta' informazzjoni li tista' titlob ser ikunu proporzjonati għar-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-ambitu tal-analiżi ser jiddependi fuq in-natura tal-każ.

## 2. Effetti pożittivi tal-għajnuna

### 2.1. *Eżistenza ta' nuqqasijiet fis-suq*

5. Ħaddiema mħarrġa jikkontribwixxu sabiex iżidu l-produttività u l-kompetittività tal-impriżi. Madankollu, min iħaddem u l-impjegati jistgħu ma jinvestux biżżejjed fit-taħriġ għal numru ta' raġunijiet. L-impjegati jistgħu jillimitaw l-investimenti tagħhom fit-taħriġ jekk ma jkunux disposti għar-riskju, isofru minn limitazzjonijiet finanzjarji jew ikollhom diffikultajiet biex juru l-livell tal-għarfien li jkunu kisbu lil min iħaddimhom fil-ġejjieni.

6. L-impriżi jistgħu joqogħdu lura milli jħarrġu lill-forza tax-xogħol tagħhom fil-livell li jkun ottimali għas-soċjetà kollha kemm hi. Dan huwa dovut għall-falliment tas-suq marbut mal-esternalitajiet pożittivi tat-taħriġ u mad-diffikultajiet biex jiġu approprjati l-kirjiet jekk l-impjegati jkunu liberi li jibdlu lil min iħaddimhom. L-impriżi jistgħu jinvestu inqas fit-taħriġ, jekk ikunu mħassba li ladarba jiġi mħarreġ, impjegat jitlaq qabel ma l-impriża tkun irkuprat l-investiment tagħha. L-impriżi jistgħu ma jkunux daqshekk ħerqana li jipprovdu taħriġ suffiċjenti lill-ħaddiema tagħhom sakemm l-ispiża tat-taħriġ ma tinfedhiex malajr jew ikun pjuttost speċifiku għall-ħtiġijiet tal-impriża kkonċernata jew sakemm ċerti klawsoli kuntrattwali ma jwaqqfux lill-impjegat imħarreġ milli jħalli l-impriża qabel mal-ispiża tat-taħriġ tkun ġiet ammortizzata jew (parti mill-)ispejjeż tat-taħriġ ikunu ġew irrimborsati.

7. Investiment inadegwat fit-taħriġ jista' jseħħ ukoll jekk l-impriża tkun tista' tirkupra b'mod sħiħ l-investiment tagħha iżda l-benefiċċji privati tagħha jkunu iżgħar mill-benefiċċji tas-soċjetà kollha kemm hi. Tali esternalitajiet pożittivi tat-taħriġ jistgħu jinħolqu b'mod partikolari jekk it-taħriġ itejjeb ħiliet li jistgħu jiġu trasferiti; jiġifieri ħiliet li jistgħu jintużaw f'iżjed minn impriża waħda. B'kuntrast, taħriġ speċifiku jħalli biss żidiet fil-produttività f'impriża speċifika u jista' jiġi faċilment approprjat mill-impriżi (4). Għalhekk l-għan li t-taħriġ speċifiku joħloq esternalitajiet pożittivi hija inqas qawwija mill-possibbiltà li t-taħriġ ġenerali joħloq tali esternalitajiet.

(1) Dan il-kapitolu jikkorrispondi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej - Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali 2009/C 188/01 (ĠU C 188 tal-11.8.2009, p. 1)

(2) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3. Għal għajnuna ad hoc għat-taħriġ lil kumpanija kbira taħt il-limitu ta' EUR 2 miljuni, il-Kummissjoni se tapplika mutatis mutandis il-prinċipji kif spjegati hawn taħt, għalkemm b'mod inqas dettaljat.

(3) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2008 tas-7.11.2008 (ĠU L 339, 18.12.2008, p. 111, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 79, 18.12.2008), li daħlet fis-seħħ fit-8.11.2008.

(4) Madankollu, l-esternalitajiet tat-taħriġ ġenerali jistgħu jiġu approprjati wkoll mill-impriżi permezz ta' klawsoli speċjali fil-kuntratti li jeħtieġu lil impjegat imħarreġ jibqa' fl-impriża għal perjodu definit ta' żmien wara li huwa jkun irċieva tali taħriġ.

8. Fejn l-impriżi huma ffaċċjati bi spejjeż ogħla u benefiċċji inċerti għat-taħriġ ta' ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità ([1]) jista' jkun hemm inċentiv biex jipprovdu inqas taħriġ lil dawn il-gruppi. Madankollu, it-taħriġ ta' ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità huwa ġeneralment mistenni li jipproduċi esternalitajiet pożittivi għas-soċjetà kollha kemm hi ([2]).

9. L-Istati EFTA għandhom juru li hemm falliment tas-suq li jiġġustifika l-għajnuna. Fl-analiżi tagħha, fost affarijiet oħra, l-Awtorità ser tikkunsidra l-elementi li ġejjin:

(1) In-natura tat-taħriġ – jekk huwiex speċifiku jew ġenerali fis-sens tal-Artikolu 38 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa; proġett wieħed ta' taħriġ jista' jinkludi elementi kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi; taħriġ ġenerali jipproduċi aktar esternalitajiet pożittivi.

(2) It-trasferibbiltà tal-ħiliet miksuba waqt it-taħriġ; aktar ma jkunu trasferibbli l-ħiliet, aktar ikun hemm probabbiltà ta' esternalitajiet pożittivi; it-taħriġ ser jkun ikkunsidrat li jipprovdi ħiliet trasferibbli jekk, pereżempju:

(a) it-taħriġ jiġi organizzat b'mod konġunt minn diversi impriżi indipendenti, jew jekk jistgħu jibbenefikaw mit-taħriġ impjegati ta' impriżi differenti;

(b) it-taħriġ ikun iċċertifikat, iwassal għal diploma rikonoxxuta jew jiġi validat minn awtoritajiet jew istituzzjonijiet pubbliċi;

(c) it-taħriġ ikun immirat lejn il-kategoriji ta' impjegati li huma kkaratterizzati minn tibdil qawwi fl-impriża u fis-settur ikkonċernat;

(d) it-taħriġ jista' jkun utli għall-impjegat lil hinn mix-xogħol attwali tiegħu (impjiegi futuri f'impriża oħra, il-ħajja soċjali, il-benesseri, eċċ.).

3. Il-parteċipanti fit-taħriġ: l-inklużjoni ta' ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità tista' żżid l-esternalitajiet pożittivi tat-taħriġ.

2.2. *L-għajnuna mill-Istat bħala strument politiku xieraq*

10. L-għajnuna mill-Istat mhijiex l-uniku strument politiku disponibbli għall-Istati EFTA biex jippromwovu t-taħriġ. Ħafna mit-taħriġ jiġi pprovdut mis-sistemi edukattivi (pereżempju universitajiet, skejjel, taħriġ vokazzjonali mwettaq jew sponsorjat minn awtoritajiet tal-Istat). It-taħriġ jista' jiġi segwit ukoll mill-individwi nfushom, bi jew mingħajr l-appoġġ ta' min iħaddimhom.

11. Meta l-Istat EFTA jkun ikkunsidra għażliet politiċi oħrajn, u l-vantaġġi li jintuża strument selettiv bħall-għajnuna mill-Istat għal impriża speċifika jkunu stabbiliti, il-miżuri kkonċernati jitqiesu li jikkostitwixxu strument adegwat. B'mod partikolari, l-Awtorità ser tieħu inkunsiderazzjoni kull valutazzjoni tal-impatt tal-miżura proposta li l-Istat EFTA jista' jkun għamel.

2.3. *L-effett ta' inċentiv u n-neċessità tal-għajnuna*

12. L-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ trid twassal biex il-benefiċjarju tal-għajnuna jibdel l-imġiba tiegħu sabiex jipprovdi iżjed taħriġ u/jew taħriġ aħjar milli kieku kien jagħmel mingħajr l-għajnuna. Jekk ma jkunx hemm tali żieda fil-kwantità jew fil-kwalità tal-attivitajiet ippjanati ta' taħriġ, l-għajnuna ma titqiesx li jkollha effett ta' inċentiv.

13. L-effett ta' inċentiv huwa identifikat b'analiżi kontrofattwali, li tqabbel il-livelli tat-taħriġ intenzjonat bl-għajnuna u mingħajr għajnuna. Ħafna impjegaturi jħossuh bżonn li jħarrġu lill-impjegati tagħhom sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-impriżi tagħhom. Wieħed ma jistax jassumi li dejjem hija meħtieġa għajnuna mill-Istat għat-taħriġ, speċjalment għal taħriġ speċifiku.

14. L-Istati EFTA għandhom juru lill-Awtorità l-eżistenza tal-effett tal-inċentiv kif ukoll il-ħtieġa tal-għajnuna. L-ewwel nett, il-benefiċjarju jrid ikun issottometta applikazzjoni għall-għajnuna lill-Istat EFTA kkonċernat qabel ma jkun beda l-proġett ta' taħriġ. It-tieni nett, l-Istat EFTA jrid juri li l-għajnuna mill-Istat twassal għal żieda, bi tqabbil ma' sitwazzjoni mingħajr għajnuna, fid-daqs, kwalità, ambitu jew parteċipanti fil-mira tal-proġett ta' taħriġ. L-ammont addizzjonali ta' taħriġ offrut bl-għajnuna jista' jintwera, pereżempju, permezz ta' numru akbar ta' sigħat jew korsijiet ta' taħriġ, numru akbar ta' parteċipanti, bidla minn taħriġ speċifiku għall-impriża għal taħriġ ġenerali, jew żieda fil-parteċipazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità.

---

([1]) Il-ħaddiema b'diżabilità u żvantaġġati huma definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa

([2]) Pereżempju, soċjetà tagħti iżjed valur lit-taħriġ li jirċievu ħaddiema żgħażagħ u bi ftit ħiliet milli tagħmel impriża minħabba produttività perċepita jew reali aktar baxxa.

15. Fl-analiżi tagħha, fost affarijiet oħra, l-Awtorità ser tikkunsidra l-elementi li ġejjin:

(a) id-dokumenti interni tal-benefiċjarju tal-għajnuna dwar l-ispejjeż, il-baġits, il-parteċipanti, il-kontenut u l-iskedar tat-taħriġ għal żewġ xenarji: it-taħriġ bl-għajnuna u t-taħriġ mingħajr għajnuna;

(b) l-eżistenza ta' obbligu legali għal min iħaddem sabiex jipprovdi ċertu tip ta' taħriġ (pereżempju, sigurtà): jekk ikun jeżisti obbligu bħal dan, l-Awtorità normalment tikkonkludi li m'hemm ebda effett ta' inċentiv;

(c) il-kredibbiltà tal-proġett ippreżentat, pereżempju, billi ssir referenza għal u jiġi mqabbel ma' baġits tat-taħriġ għal snin preċedenti;

(d) ir-relazzjoni bejn il-programm ta' taħriġ u l-attivitajiet kummerċjali tal-benefiċjarju tal-għajnuna: aktar ma tkun mill-qrib ir-relazzjoni, inqas ikun probabbli l-effett ta' inċentiv. Pereżempju, it-taħriġ dwar l-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida f'settur speċifiku mhuwiex probabbli li jkollu effett ta' inċentiv billi l-impriżi ma għandhom l-ebda għażla ħlief li jħarrġu lill-impjegati tagħhom dwar it-teknoloġija ġdida li ddaħħlet.

2.4. *Il-proporzjonalità tal-għajnuna*

16. L-Istat EFTA jrid juri li l-għajnuna hija meħtieġa u li l-ammont qiegħed jinżamm baxx kemm jista' jkun sabiex jintlaħaq l-għan tal-għajnuna.

L-ispejjeż eliġibbli jridu jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 39 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u jkunu limitati għall-ispejjeż li jirriżultaw minn attivitajiet ta' taħriġ li ma kinux isiru mingħajr l-għajnuna.

L-Istati EFTA jridu jipprovdu evidenza li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-parti tal-ispejjeż eliġibbli li ma tistax tiġi approprjata mill-impriża ([1]). Fi kwalunkwe każ, l-intensitajiet tal-għajnuna qatt ma jridu jaqbżu dawk stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u ser jiġu applikati għall-ispejjeż eliġibbli ([2]).

3. **L-effetti negattivi tal-għajnuna**

17. Jekk l-għajnuna tkun proporzjonata sabiex jintlaħaq l-għan tal-għajnuna, l-effetti negattivi tal-għajnuna x'aktarx ikunu limitati u għandu mnejn li analiżi tal-effetti negattivi ma tkunx meħtieġa ([3]). Madankollu, f'xi każijiet, anki fejn l-għajnuna tkun meħtieġa u proporzjonata għal impriża speċifika sabiex iżżid l-ammont ta' taħriġ ipprovdut, l-għajnuna tista' twassal għal bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod sinifikanti. F'dawn il-każijiet l-Awtorità ser tagħmel analiżi komprensiva tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-kobor tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għajnuna jista' jvarja skont l-arranġamenti tal-għajnuna u l-karatteristika tas-swieq affettwati ([4]).

18. Il-karatteristiċi tal-għajnuna li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà u d-daqs tat-distorsjoni huma:

(a) is-selettività;

(b) id-daqs tal-għajnuna;

(c) (ir-ripetizzjoni u t-tul tal-għajnuna;

(d) l-effett tal-għajnuna fuq l-ispejjeż tal-impriża.

19. Pereżempju, skema ta' taħriġ li tintuża biex tinkoraġġixxi lill-impriżi in generali fi Stat EFTA sabiex jagħmlu aktar taħriġ x'aktarx ikollha effett differenti fuq is-suq minn ammont kbir ta' għajnuna mogħtija lil impriża waħda sabiex din tkun tista' żżid it-taħriġ tagħha. Din tal-aħħar x'aktarx tgħawweġ il-kompetizzjoni b'mod aktar sinifikanti minħabba li l-kompetituri tal-benefiċjarju tal-għajnuna isiru inqas kapaċi li jikkompetu ([5]). Id-distorsjoni tkun saħansitra akbar jekk l-ispejjeż tat-taħriġ fin-negozju tal-benefiċjarju jirrappreżentaw sehem kbir mill-ispejjeż totali.

([1]) Din hija dik il-parti tal-ispejjeż żejda tat-taħriġ li l-impriża ma tistax tirkupra billi tibbenefika direttament mill-ħiliet miksuba mill-impjegati tagħha waqt it-taħriġ.
([2]) Ara wkoll il-prattika attwali fil-każisitika, pereżempju, C 35/2007, għajnuna għat-taħriġ lil Volvo Cars f'Gent, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/948/KE tat-23 ta' Lulju 2008 dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig/Halle (ĠU L 346, 23.12.2008, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/612/KE tal-4 ta' April 2007 rigward l-għajnuna mill-Istat C 14/06 li l-Belġju qed jippjana biex iwettaq favur General Motors il-Belġju f'Antwerp (ĠU L 243, 18.9.2007, p. 71).
([3]) Barra minn hekk, kieku s-suq tax-xogħol jaħdem perfettament, l-impjegati dejjem jistgħu jiehdu salarju akbar għall-ħiliet imtejba tagħhom minħabba t-taħriġ li rċevew u jassimilaw l-esternalitajiet pożittivi tat-taħriġ.
([4]) Bl-għajnuna jistgħu jkunu affettwati numru ta' swieq, għaliex l-impatt tal-għajnuna ma jistax jiġi ristrett għas-swieq fejn il-benefiċjarju tal-għajnuna jkun attiv, iżda dan jista' jiġi estiż għal swieq oħrajn, pereżempju għas-swieq tas-servizzi anċillari.
([5]) Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-għajnuna għat-taħriġ mogħtija lil settur sħiħ fi Stat EFTA wieħed tista' twassal għal distorsjoni tal-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

20. Fil-valutazzjoni tal-karatteristiċi tas-suq, li jistgħu jagħtu stampa aktar preċiża tal-impatt probabbli tal-għajnuna, l-Awtorità tikkunsidra fost ħwejjeġ oħra:

(a) l-istruttura tas-suq; u

(b) il-karatteristiċi tas-settur jew tal-industrija.

21. L-istruttura tas-suq tiġi vvalutata permezz tal-konċentrazzjoni tas-suq, id-daqs tal-impriżi ([1]), l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-prodott ([2]), kif ukoll l-ostakli għad-dħul u l-ħruġ. L-ishma tas-suq u l-proporzjonijiet tal-konċentrazzjoni jiġu kkalkulati ladarba jiġi identifikat is-suq rilevanti. B'mod ġenerali, inqas ma jkun hemm impriżi, akbar ikun is-sehem tagħhom tas-suq, u inqas tkun il-kompetizzjoni li wieħed jistenna li josserva ([3]). Jekk is-suq affettwat ikun ikkonċentrat b'ostakoli kbar għad-dħul ([4]) u l-benefiċjarju tal-għajnuna huwa attur prinċipali fih, f'dak il-każ ikun aktar probabbli li l-kompetituri jkollhom ibiddlu l-imġiba tagħhom bi tweġiba għall-għajnuna.

22. Waqt li tkun qiegħda teżamina l-karatteristiċi tas-settur, l-Awtorità ser tqis fost affarijiet oħra l-importanza tal-ħaddiema mħarrġa għan-negozju, l-eżistenza ta' kapaċità eċċessiva, jekk is-swieq fl-industrija humiex qegħdin jikbru, humiex maturi jew humiex sejrin lura, l-istrateġiji tal-finanzjament tal-kompetituri għat-taħriġ (għajnuna mill-istat, impjegati, min iħaddem). Pereżempju, l-għajnuna għat-taħriġ f'industrija li sejra lura tista' żżid ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni billi żżomm impriża ineffiċjenti għaddejja.

23. F'każijiet partikolari, l-għajnuna għat-taħriġ tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dak li jirrigwarda d-dħul fis-suq u l-ħruġ minnu, l-effett fuq il-flussi tal-kummerċ u l-eliminazzjoni tal-investiment fit-taħriġ.

Dħul fis-suq u ħruġ minnu

24. F'suq kompetittiv, impriżi jbiegħu prodotti li jiġġeneraw il-qligħ. Billi taltera l-ispejjeż, l-għajnuna mill-Istat taltera il-profittabbiltà, u tista' għalhekk taffettwa d-deċiżjoni tal-impriża jekk toffriex prodott jew le. Pereżempju, għajnuna mill-Istat li tnaqqas l-ispejjeż rikorrenti tal-produzzjoni, bħalma hu t-taħriġ għall-impjegati, tagħmel id-dħul fis-suq aktar attraenti u tagħmilha possibbli għal impriżi li altrimenti jkollhom prospetti kummerċjali dgħajfa biex jidħlu fis-suq jew jintroduċu prodotti ġodda għad-detriment ta' kompetituri aktar effiċjenti.

25. Id-disponibbiltà ta' għajnuna mill-Istat tista' taffettwa wkoll id-deċiżjoni ta' impriża li toħroġ minn suq li fih tkun diġà qed topera. L-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ tista' tnaqqas id-daqs tat-telf u tagħmilha possibbli li impriża tibqa' fis-suq għal żmien itwal – li jista' jfisser li impriżi oħra, iżjed effiċjenti li ma jeħdux għajnuna jkunu sfurzati joħorġu huma minflok.

Effett fuq il-flussi tal-kummerċ

26. L-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ tista' twassal biex ċerti territorji jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' produzzjoni aktar favorevoli minn oħrajn. Dan jista' jwassal għall-ispostament tal-flussi tal-kummerċ favur ir-reġjuni fejn tingħata tali għajnuna.

Qligħ 'il barra tal-investiment fit-taħriġ

27. Biex jissopravvivu fis-suq u jimmassimizzaw il-profitti, l-impriżi għandhom inċentivi sabiex jinvestu fit-taħriġ tal-ħaddiema. L-ammont ta' investiment fit-taħriġ li kull impriża hija lesta li tagħmel jiddependi wkoll fuq kemm jinvestu l-kompetituri tagħha. L-impriżi li jkunu ssussidjati mill-istat jistgħu jnaqqsu l-investiment tagħhom stess. Inkella, jekk l-għajnuna ġġiegħel lill-benefiċjarju tal-għajnuna jinvesti aktar, il-kompetituri jistgħu jirreaġixxu billi jnaqqsu n-nefqa tagħhom fuq it-taħriġ. Jekk, biex jiksbu l-istess għan, il-benefiċjarji tal-għajnuna jew il-kompetituri tagħhom jonfqu inqas fil-preżenza tal-għajnuna milli fin-nuqqas tagħha, l-investiment privat tagħhom fit-taħriġ tal-ħaddiema jiġi maqlugħ 'il barra mill-għajnuna.

4. **Ibbilanċjar u deċiżjoni**

28. L-aħħar pass fl-analiżi huwa li jiġi evalwat sa fejn l-effetti pożittivi tal-għajnuna jegħlbu l-effetti negattivi tagħha. Dan l-eżerċizzju ser isir abbażi ta' evalwazzjoni każ b'każ. Sabiex jiġu bbilanċjati l-effetti pożittivi u negattivi, l-Awtorità ser tevalwahom u tagħmel valutazzjoni globali tal-impatt tagħhom fuq il-produtturi u l-konsumaturi f'kull wieħed mis-swieq affettwati. Sakemm informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli faċilment, l-Awtorità ser tuża informazzjoni kwalitattiva għall-finijiet tal-valutazzjoni.

29. L-Awtorità x'aktarx tieħu pożizzjoni aktar pożittiva u għalhekk taċċetta grad ogħla ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, jekk l-għajnuna tkun meħtieġa, immirata tajjeb u proporzjonata għal impriża speċifika biex iżżid l-attivitajiet ta' taħriġ tagħha u biex is-soċjetà tibbenefika mit-taħriġ żejjed ipprovdut aktar mill-benefiċjarju tal-għajnuna.

---

([1]) Id-daqs tal-impriża jista' jiġi mfisser fit-termini tal-ishma tas-suq kif ukoll tal-fatturat u/jew tal-impjieg.
([2]) Inqas ma jkun il-livell ta' differenzjar bejn il-prodotti, ikbar ser ikun l-effett tal-għajnuna fuq il-profitti tal-kompetituri.
([3]) Madankollu, importanti li wieħed jinnota li xi swieq huma kompetittivi minkejja li ftit hemm impriżi preżenti.
([4]) Ta' min jinnota, madankollu, li xi kultant l-għoti ta' għajnuna jgħin sabiex jingħelbu l-barrieri għad-dħul u jippermetti impriżi ġodda li jidħlu fis-suq.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT